# Edukazzjoni Letterarja Akbar

Ma jistax jonqos li l-Għaqda tal-Malti (Università) tisħaq dejjem fuq livelli għoljin fil-qasam ta' l-istudju tal-lingwistika u tal-letteratura. Hi għaqda akkademika, fi ħdan l-Università, magħmula minn studenti u gradwati, jiġifieri membri li jagħtuha l-kompetenza li jixirqilha. Għal dan il-għan l-Għaqda ħadmet dejjem bil-mezzi tagħha kollha, bħalma huma pubblikazzjonijiet ta' livell għoli u ħidmiet serji li laqtu l-attenzjoni ta' ħafna.

*Leħen il-Malti* jissokta miexi f'din it-triq billi jxandar studji miktubin mill-istudenti bħala parti mill-kors akkademiku. Dawn l-istudji huma xhieda tal-kuxjenza kritika moderna li daħlet f'Malta u li lil-letteratura Maltija qiegħda sseddqilha s-sisien. Il-kitba oriġinali u l-kitba xjentifika jimxu id f'id u l-iżvilupp tal-waħda jgħin fl-iżvilupp ta' l-oħra. It-tnejn, madankollu, jitolbu kompetenza differenti, u għalhekk l-Għaqda tissokta tibni fuq kulma jsir fil-korsijiet universitarji billi minn żmien għal ieħor tniedi korsijiet hi nnifisha fis-Sengħa tal-Kitba. Fil-fatt dan il-kors li tnieda għall-ewwel darba fl-1992 illum daħal u sar parti mill-kredti offruti mid-Dipartiment tal-Malti fl-Università.

L-Għaqda ilha s-snin tħejji ġabra ta' xogħlijiet ta' kittieba ġodda jew żgħażagħ. Dan hu wieħed mill-ideali ewlenin tagħna: li nisimgħu u nsemmgħu l-ilħna ġodda li lkoll flimkien isawru l-kor letterarju ta' llum u ta' għada. Ideal ieħor ta' l-Għaqda hu li taħdem fil-qasam tat-tħejjija letterarja u kritika: billi tissokta toffri korsijiet għall-kittieba ġodda u għall-pubbliku kollu.

Illum l-Għaqda tista' tkabbar l-impenn tagħha fost il-membri u l-pubbliku billi ssaħħaħ il-programm magħruf tagħha u tintroduċi proġetti oħrajn li għalissa għadhom proposti.

Bix-xandir ta' studji kritiċi u xogħlijiet oriġinali tal-membri tagħha, l-Għaqda żżomm il-bilanċ bejn iż-żewġ xejriet tagħha: l-istudju akkademiku u l-letteratura proprja.